

Brussell, 15 ta' Novembru 2021  
(OR. en)

13667/21

COMPET 778  
MI 809  
IND 321

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Thejġja tal-Kunsill Kompetittività tal-25 ta' Novembru 2021</i> Implimentazzjoni tal-Pjan tal-Irkupru għall-Ewropa <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota tal-Presidenza dwar "L-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Irkupru għall-Ewropa" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività tal-25 ta' Novembru 2021.

## **L-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Irkupru għall-Ewropa**

### **Dokument ta' Diskussjoni tal-Presidenza**

**Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) qed tappoġġa l-irkupru ekonomiku tal-Unjoni, u qed tħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet tagħhom għall-Irkupru u r-Reżiljenza.** Permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, EUR 723.8 biljun isiru disponibbli bħala self (EUR 385.8 biljun) u għotjiet (EUR 338 biljun) b'appoġġ għal riformi u investimenti magħmula mill-Istati Membri.

**It-triq lejn l-irkupru fl-ekonomija tal-Istati Membri hija msaħħa mill-effetti kollaterali tal-pjanijiet ta' Stati Membri oħra.** L-effetti tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza fuq it-tkabbir ġenerali tal-UE huma madwar terz akbar<sup>1</sup> meta jitqiesu espliċitament l-effetti kollaterali mill-miżuri tal-pajjiżi individwali.


**Minn Lulju '1 hawn, il-Kunsill approva l-finanzjament ta' 22 Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li jammonta għal total ta' madwar EUR 446 biljun ta' investimenti sal-2026.** Il-pjanijiet imressqa fihom riformi u investimenti li jindirizzaw taqsima sinifikanti mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019 u l-2020 u jirrispettaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

**Il-pjanijiet adottati jappoġġaw bis-sħiħ it-tranżizzjoni ekoloġika:** 43 % (EUR 192 biljun) mill-fondi tal-RRF ser ikunu allokatu għal investimenti ekoloġiċi essenzjali<sup>2</sup> fil-mobbiltà sostenibbli, ir-rinnovazzjoni, l-enerġija nadifa, l-ekonomija ċirkolari, l-ilma sostenibbli u l-bijodiversità. Dan huwa oġġla mill-mira ta' 37 % prevista fir-Regolament. Il-pjanijiet jinkludu wkoll riformi ewlenin fl-awtorizzazzjoni, inċentivi fiskali għal vetturi nodfa u appoġġ għal enerġija nadifa.


---

<sup>1</sup> DG ECFIN (2021) Quantifying Spillovers of Next Generation EU Investment (Kwantifikazzjoni tal-effetti kollaterali tal-investment Next Generation EU)

<sup>2</sup> Inkluż il-kontribuzzjoni ambjentali (EUR 14-il biljun għat-22 pjan approvat)



**It-tranżizzjoni diġitali hija wkoll fil-qalba tat-22 pjan għall-irkupru u r-reżiljenza li ġew approvati: 26 % mill-fondi tal-RRF ser ikunu allokati għal investimenti ewlenin tat-tranżizzjoni diġitali f'oqsma bħall-gvern elettroniku, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji, il-ħiliet diġitali, iċ-ċibersigurtà u t-teknoloġiji avvanzati. Dawn ukoll jisbqu l-mira legali ta' 20 %. Il-pjanijiet jinkludu wkoll riformi essenzjali biex jiġu modernizzati l-amministrazzjonijiet pubbliċi u jitneħħew l-ostakli għall-istallazzjoni tan-networks tal-5G.**



**It-22 pjan li ġew approvati jiddedikaw ukoll madwar EUR 135 biljun għal investimenti soċjali, b'mod partikolari fis-saħħa (madwar 26 %), l-edukazzjoni (madwar 25 %), il-ħiliet (madwar 12 %), istituzzjonijiet tal-impjiegi u tas-suq tax-xogħol (madwar 12 %) u l-akkomodazzjoni soċjali (madwar 12 %).** Dawn l-investimenti jkopru b'mod aktar speċifiku miżuri li jipprovdu edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal li jkunu affordabbli u ta' kwalità, jipprevjenu t-tluq bikri mill-iskola, iżidu l-edukazzjoni diġitali, itejbu l-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema fil-kuntest tat-tranżizzjoni doppja, itejbu l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, isaħħu l-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-ħaddiema vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, jimmodernizzaw is-sistemi tas-saħħa u jniedu l-użu tas-saħħa elettronika.

**Il-pjanijiet jappoġġaw ukoll proġetti ewlenin bejn diversi pajjiżi u jirreferu għal Proġetti Importanti ta' Interest Ewropew Komuni (IPCEIs).** Il-pjanijiet adottati jkopru **proġetti transfruntiera ekoloġiċi ewlenin** dwar il-batteriji, l-idroġenu u l-kurituri ferrovjarji tat-TEN-T u **proġetti diġitali transfruntiera ewlenin** dwar il-mikroelektronika, il-cloud, il-kurituri tal-5G u l-kejbils sottomarini b'kapaċità għolja ħafna. Diversi pjanijiet jirreferu għall-IPCEIs (Idroġenu - 6–7 RRP; Mikroelektronika - 11-il RRP; Cloud - 5 RRP).

**L-SMEs batew b'mod partikolari minħabba l-kriżi.** Il-valur miżjud tal-SMEs naqas drastikament, b'7.6 % fl-2020, filwaqt li l-impjiegi fl-SMEs naqsu b'1.7 %.<sup>3</sup> Għalhekk, jeħtieġ li l-SMEs ikunu fiċ-ċentru tal-appoġġ għall-irkupru biex jagħrfu jmexxu t-tranżizzjonijiet meħtieġa lejn id-diġitalizzazzjoni, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza.

**Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza adottati jinkludu appoġġ finanzjarju bla preċedent għall-SMEs, u ġabra wiesgħa ta' riformi biex jittejjeb l-ambjent kummerċjali.** Dawn il-pjanijiet jindirizzaw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi dwar ir-regolamentazzjoni tan-negozju favur il-kompetizzjoni, is-simplifikazzjoni leġiżlattiva, l-akkwist pubbliku, is-sistemi ġudizzjarji, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji, il-gvern elettroniku, oqfsa ta' insolvenza li jiffunzjonaw tajjeb u l-kapaċità amministrattiva. Dawn l-oqsma huma fost dawk li joħlqu l-akbar problemi għall-SMEs Ewropej. Il-pjanijiet jipproponu riformi sostanzjali fil-qasam tal-aċċess għall-finanzi. Investimenti kbar fl-ekosistemi industrijali, bħat-turiżmu u l-kostruzzjoni, ukoll ser ikunu ta' benefiċċju sostanzjali għall-SMEs bħala l-atturi ewlenin f'dawn l-ekosistemi.

---

<sup>3</sup> Rieżami tal-Prestazzjoni tal-SMEs 2021

**Implimentazzjoni determinata u koordinata tal-investimenti u r-riformi tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ser ikollha impatti pożittivi aktar mifruxa, pereżempju bit-tisħiħ tas-sostenibbiltà fiskali u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità.** Madankollu, ser ikun importanti li l-implimentazzjoni proprja ta' dawn il-pjanijiet fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali tiġi segwita mill-qrib. Ir-rappreżentanti nazzjonali tal-SMEs u n-Network tar-Rappreżentanti tal-SMEs għandu jkollhom rwol proattiv sabiex jiżguraw li l-SMEs jibbenefikaw b'mod effettiv mill-finanzjament u l-appoġġ disponibbli.

**Il-Kunsill Kompetittività jista' jaqdi rwol importanti fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Irkupru għall-Ewropa.** Din hija opportunità għal qsim tal-għarfien u għal eżerċizzju konġunt ta' monitoraġġ kollaborattiv trasparenti u koerenti f'dan ir-rigward, li jippermetti lill-Kunsill Kompetittività jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-proċess tal-irkupru.

#### **Mistoqsijiet għad-diskussjoni:**

- 1. X'inhuma l-isfidi li jipprevedu l-ministri għall-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza u kif jista' jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza tikkontribwixxi għall-irkupru tal-ekosistemi industrijali?*
- 2. Kif għandhom jintużaw l-RRF u fondi u miżuri oħra tal-UE biex jissaħħu l-ktajjen tal-valur tal-UE għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali meta jitqiesu l-iskarsezzi attwali ta' provvista fil-qasam tas-semikundutturi u l-materja prima u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija?*